**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Novembru 2018**

**Talba Nru: 150/18 CZ**

**GO plc**
**C 22334**

**vs**

**Raymond Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 t'April 2018 u li permezz taghha talbet minghand il-konvenut l-hlas ta' hames mija u tlettax-il Euro u sitta w tletin centezmu (€513.36) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40093681.

Illi ghalkemm interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huna ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittjiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficcjali bir-reerenza 1458/16, u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-18 ta' Settembru 2018, fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici kif dedotta, hija infondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment;
2. Illi l-esponenti konvenut kellu kuntratt tal-mobile mas-socjeta' GO plc u dejjem hallas il-kontijiet illi kellu waqt li kien ghadu ghaddej b'kuntratt mas-socjeta' attrici;
3. Illi s-somma pretiza ma hix dovuta stante illi l-esponent ma kienx ghaddej b'kuntratt fiz-zmien li s-socjeta' attrici qieghda tindika;
4. Illi fil-fatt l-esponent kein ghamel diversi kuntatti mas-socjeta' attrici biex jieqaf il-kuntratt illi kellu, kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kaz odjern;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici qed titlob il-hlas ta' hames mija u tlettax-il Euro u sitta w tletin centezmu (€513.36) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40093681.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Paul Gatt[1], il-konvenut[2], u ta' Graziella Bezzina[3].

Illi **Paul Gatt** ghas-socjeta' attrici xehed illi l-ammont reklamat ghadu dovut fis-shih,u kien jirreferi ghal kontijiet ta' zewg linji tat-telefon fissi.

Il-**konvenut** prezenta ittra li allegatament intbaghtet fl-20 ta' Novembru 2014 u li biha kien istruwixxa lis-socjeta' attrici biex twaqqaf is-servizzi ghaz-zewg linji tat-telefon in kwestjoni. Qal li kien baghat dik l-ittra izda ma kellux konferma li waslet, u lanqas ma segwa din l-ittra mas-socjeta' attrici.

Bint il-konvenut **Graziella Bezzina** xehdet illi kienet ittajpjat l-ittra hi, wara li ddettahielha missierha l-konvenut, u baghtitha b'posta normali. Xehdet ukoll li l-

[1] Fol. 37
[2] Seduta tal-31 t'Ottubru 2018
[3] Ibid.

kuntratt li kien hemm mas-socjeta' attrici kien skada u kien baqa' jintuza s-servizz ghax kellhom bzonnu.

Illi fir-risposta tieghu, fit-tieni eccezzjoni il-konvenut ghamel referenza ghal kuntratt tal-mobile, u qal li kien ihallas il-kontijiet waqt li kien ghadu ghaddej b'kuntratt mas-socjeta' attrici. Jigi rilevat izda illi din il-kawza hija dwar zewg linji ta' telefon fissi, u mhux tal-mobile. Meta prezenta r-risposta, il-konvenut dan kien jafu ghaliex il-kuntratt relattiv gie anness mat-talba promotrici, u ghalhekk din l-eccezzjoni mhix rilevanti ghall-mertu u ma timmeritax li tintlaqa'.

Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu il-konvenut jirrileva illi s-somma mhix dovuta ghaliex hu ma kienx ghaddej b'kuntratt fiz-zmien li s-socjeta' attrici qed tindika. Din kienet kwistjoni ta' prova – il-kuntratt maghmul mas-socjeta' attrici fl-2008 (fol. 4 et seq.) jindika fi klawsola hmistax (15) illi s-servizz kellu jibqa' jinghata ghal mill-inqas erbgha u ghoxrin (24) xahar, u fil-kaz li jitwaqqaf qabel, kellhom isiru xi hlasijiet. Dan ma kienx ifisser pero' illi fiz-zmien li qed tindika s-socjeta' attrici, u cioe' l-perjodu li jkopri sat-2 ta' Settembru 2016, il-kuntratt ma kienx ghadu fis-sehh. Ix-xhud Graziella Bezzina stess qalet illi wara l-2010, u cioe' wara li ghaddew l-ewwel erbgha u ghoxrin (24) xahar tal-kuntratt, is-servizz baqa' jintuza ghax kellhom bzonnu. Il-konvenut ghalhekk baqa' juza s-servizz tas-socjeta' attrici bit-termini u kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt imsemmi. Ghaldaqstant ma jistax jinghad illi l-kuntratt kien spicca, kif qed jallega l-konvenut, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni m'ghandhiex tintlaqa'.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni, u dik cioe' illi l-konvenut kien ghamel diversi kuntatti mas-socjeta' attrici biex jieqaf il-kuntratt li kellu, jirrizulta illi l-konvenut kien ghamel kuntatt mas-socjeta' konvenuta darbtejn, u dan skond kif xehed hu. L-ewwel darba mar fis-sede tas-socjeta' attrici u talab li jitwaqqaf is-servizz, u t-tieni darba billi baghat ittra lill-istess socjeta' attrici fejn b'mod formali talab li jitwaqqaf is-servizz. It-Tribunal isib inverosimili l-fatt, kif deskritt mill-konvenut, illi meta mar l-ewwel

darba biex iwaqqaf is-servizz, waqt li kien propju fl-ufficcju tas-socjeta' attrici, rapprezentant tas-socjeta' ma qdiehx u gieghlu jibghat ittra f'dan is-sens. Illi pero' anke li kieku huwa hekk, u anke jekk huwa minnu li l-ittra esebita bhala Dok. RB 1 mill-konvenut intbaghtet, kellu jkun ghall-konvenut illi jsegwi din l-ittra u jizgura li ttiehdet azzjoni dwarha. Anke jekk hareg mill-post fejn kien qed jopera, il-konvenut kellu jizgura w jara illi kull posta, inkluz kontijiet, li kien ha jibqa' jircievi wara d-data li hareg, kellhom jigu ghandu. Huwa facli li wiehed jghid li baghat ittra u jispostja r-responsabilta' fuq is-socjeta' attrici, meta fil-fatt is-socjeta' attrici kellha fil-konfront taghha kuntratt validu li ghadu fis-sehh, u kien mehtieg li jitwaqqaf b'mod effettiv, sabiex dan ma jibqax fis-sehh. F'kull kaz, jekk il-konvenut ried li l-kuntratt tieghu jintemm, ried jara illi jkun hemm il-kunsens anke tas-socjeta' attrici, ghaliex dan ma kienx kaz fejn il-kuntratt seta' jintemm b'mod unilaterali min-naha tieghu. Ghalhekk, lanqas din l-eccezzjoni ma jisthoqq li tintlaqa'.

Illi jirrizulta inoltre illi l-konvenut kien qed juza s-servizzi tas-socjeta' attrici ghall-kummerc, u ghalhekk japplikaw ghal dan il-kaz il-provvedimenti dwar l-imghax applikabbli ghall-kummerc.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlettax-il Euro u sitta w tletin centezmu (€513.36) bl-imghaxijiet skond il-ligi mit-2 ta' Settembru 2016, id-data ta' l-ahhar kont, sal-hlas effettiv. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur